Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0144

VAT: persuni taxxabbli, skema speċjali u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas, relatati mal-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2025 dwar l-abbozz ta’ direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma’ persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (08710/2025 – C10-0084/2025 – 2023/0158(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (08710/2025),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0262),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-22 ta’ Novembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu reġa’ ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0084/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 u l-Artikolu 86 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0119/2025),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

---

1 ĠU C, C/2024/4246, 24.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4246/oj.

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz tiegħu b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.